Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 74/2013 AE

**Carmelo sive Charles Foca (ID 462371M)** (appellant)

**vs**

**Steven Mallia (ID 391671M) u Patrick Cooke** (appellati)

Il-Ġimgħa, 7 t'Ottubru 2016.

Permezz ta' rikors ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2013 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) r-rikorrent ghamel referenza ghall-artikolu intitolat *"Private Terrace built at Victoria Lines"* u r-ritratti fih stampati, u ppubblikat fil-harga ta' The Times tat-18 ta' Frar 2013, u talab lill-Qorti tiddikjara li l-artiklu hu libelluż u malafamanti fil-konfront tiegħu u kellu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrenti u għalhekk tikkundannaħ iħallsu d-danni.

Il-konvenuti wieġbu li l-pubblikazzjoni ma tistax tkun libelluża fil-konfront tar-rikorrent peress illi fl-istess pubblikazzjoni **m'huwiex identifikabbli**.

Fis-seduta tas-26 ta' April 2013, ir-rikorrenti iddikjara illi l-malafama hija dovuta ghal fatt illi gie allegat illi kien hemm theddid da parte tieghu kif ukoll gie riprodott ritratt tal-fond illi huwa ghandu.

Il-kawza titratta dwar artiklu pubblikat fil-gazzetta The Times bit-titolu *"Private terrace built at Victoria Lines"* u li kompla fil-pagna erbgha bit- titolu: "Two enforcement notices in force for illegal structure" u jirrigwarda struttura illegali illi inbniet fuq parti mis-sit storiku u fil-kampanja magħruf bhala 'Victoria Lines'.

Fl-artiklu oġġett tal-kawża, ngħad:

*"Tourists at one of Malta's prime beauty spots had an ugly experience recently when they were threatened for taking photos of an illegal structure that remains in place despite two enforcement notices.*

*"The group came across a building constructed within the historic Victoria Lines while walking in the countryside near to Rabat.*

*"According to the man who was leading the group of foreigners, they were warned by a person at the building to stop taking photos and not to get too close.*

*"The group leader, a frequent visitor to Malta who did not wish to be identified out of fear of reprisals, said part of the fortification had been converted into a private terrace area with concrete walls and a gate added to the structure.*

*"Victoria Lines are "a national treasure for all of us to enjoy, not something to be turned into a private barbecue area to be used and abused", the man said.*

*"Built by the British in the late 19th century, the Victoria Lines are defensive fortifications dividing the north of Malta from the south.*

*"When contacted, the Malta Environment and Planning Authority confirmed that two enforcement notices had been issued for illegal structures at this location.*

*"Notice EC/262/96 was issued in March 1996 for the illegal construction of an open terrace, while EC/400/11 was issued in August 2011 for the fixing of a steel gate and the construction of a low limestone wall without planning permission.*

*"The case status of the former was listed as "direct action notification letter sent" on the Mepa website, while the status of the latter was "pending at enforcement officer".*

*"As well as the owner/occupier of the illegal structures, the Commissioner of Land was listed as a contravener in EC/262/96 and the Government Property Division was listed as a contravener in EC/400/11.*

*This land is owned by the Government and leased to the occupier by the division.*

*Astrid Vella from environmental NGO Flimkien għal Ambjent Aħjar said many campaigners had given up hope the authorities would protect the Victoria Lines from abuse.*

*"This area, which used to be kept in pristine condition under the British, became a free-for-all some years ago, with people first occupying sites and ex-army structures, then expanding beyond belief," she said.*

*"Illegal structures became a hot issue in the election campaign recently when the Nationalist Party pledged an amnesty for some building irregularities pre-dating 2008 that did not affect the rights of neighbours.*

*"Concessions on minor development irregularities were granted recently by the planning authority through a legal notice that mirrored the PN's pledge."*

Ġew ukoll pubblikat żewġ ritratti, wahda li tura *'pill box'* fuq il-Victoria Lines u f'kaxxa zghira, ritratt aktar mill-vicin ta' binja f'din iz-zona.

B'sentenza tat-12 ta' Marzu 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talbiet tal-attur.

L-aggravji huma:-

(1) l-ewwel Qorti għamlet enfażi għalxejn fuq l-istat tal-art imsemmija fl-artiklu iżda naqset li tikkunsidra kif meħtieġ jekk il-parti tal-artiklu fejn intqal illi xi turisti ġew mhedda hijiex libelluża fil-konfront tal-appellant.

(2) l-ewwel Qorti ma qisitx sewwa l-prinċipji marbutin mad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa:

(2)(i) m'għarfitx li hemm għadd t'eċċezzjonijiet għal-liberta` tal-espressjoni

(2)(ii) dwar l-identifikabilita` tal-appellant, ikkunsidrat biss b'mod telegrafiku "l-fatt illi turisti kienu gew mwissija sabiex ma javvicinawx certa illegalitajiet li

kienu raw u jiehdu ritratti taghhom, imkien ma jaghmel referenza ghar-rikorrent", mingħajr ma qieset li kien identifikabbli.

(2)(iii) il-Qorti rraġunat ħażin meta skolpat lill-appellati għaliex l-intenzjoni tagħhom kienet li twassal l-istat ta' illegalita` tal-bini lill-pubbliku u mhux li timmalafama lill-appellant. L-intenzjoni hija immaterjali.

(3) il-Qorti rraġunat ħażin li l-unika ħsara li sofra l-appellant kienet li tneħħielu l-bini illegali. Żgur sofra ħsara bir-reputazzjoni li huwa persuna vjolenti. Barra minn hekk huwa sofra ħsara fin-negozjati li kellu mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar konċessjoni t'art biswit il-kamra meta dawn waqfu ħesrem għax ħasbu li hu bniedem vjolenti.

Il-konvenuti wieġbu:

(1) normalment id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi m'għandhiex tiġi ddisturbata u f'dan il-każ m'hemmx raġuni għalfejn għandha tiġi disturbata.

(2) mhux veru li l-Qorti ma kkunsidratx sewwa l-parti tal-artiklu li jgħid li turisti ġew mhedda; tant li qalet: *"mkien ma jaghmel referenza ghar-rikorrent, izda ssir biss referenza ghall illegalitajiet li kien hemm fiz-zona, li eventwalment tnehhew mill-Awtoritajiet kompetenti u li, gie maghruf lill-pubbliku illi kienu fil-pussess tar-rikorrent biss permezz tal-proceduri odjerni illi nieda r-rikorrent."* Saħansitra mart l-appellant u sieħbu li jiffrekwenta l-post ġew fid-dubju jekk l-artiklu jirreferix għalih. Il-qarrej ordinarju anke jekk infurmat tajjeb, ma jasalx biex jidentifika lill-appellant b'mod naturali u mingħajr process ikkumplikat ta' analiżi.

(3) mhux veru li l-ewwel Qorti ma qisitx sewwa l-prinċipji marbutin mad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa. Tant li enfasizzat li l-ġurnalist huwa għassies pubbliku li huwa obbligat ixandar informazzjoni t'interess pubbliku, basta jħaddem din il-liberta` b'mod responsabbli; u li l-appellati aġixxew fil-qafas ta' dan il-prinċipju. Il-Qorti m'għandhiex tiċċensura ġurnaliżmu ta' dan it-tip għaliex tkun qiegħdha xxejjen il-jedd tal-espressjoni ħielsa. Huwa ċar li l-appellati ma kellhom l-ebda *animus iniuriandi.*

**<u>Konsiderazzjoni tal-qorti.</u>**

1. L-ilment tal-attur hu dwar dik il-parti tal-artiklu fejn ingħad li t-turisti li kienu qegħdin jieħdu ritratti ta' struttura illegali, ġew mhedda talli kienu qegħdin jieħdu ritratti ta' struttura llegali li kienet għadha hemmhekk minkejja żewġ avviżi ta' twettiq u nfurżar maħruġa mill-MEPA. L-attur isostni li għalkemm ma ssemmiex b'ismu, ir-riferenza kienet għaliħ peress li f'wieħed mir-ritratti tidher il-kamra li qegħda fil-pussess tiegħu[1].

---

[1] Ritratt żgħir li hemm fit-tieni faccata tal-artiklu. Fis-seduta tas-26 ta' April 2013 id-difensur tal-attur iddikjara: *".... l-inġurja li l-klijent tiegħu qiegħed jallega hija dovuta ghal fatt li ntqal*

2. Dan il-każ inqala' bla bżonn minħabba li l-awtur ikkunsidra ż-żewġ strutturi li jidhru fiż-żewġ ritratti pubblikati, bħala struttura waħda meta mhuwiex il-każ. Tant l-awtur qieshom bħala struttura waħda, li:

   i. L-artiklu jibda: *"Tourists at one of Malta' s prime beauty spots had an ungly experience recently when they were threatened for taking photos* ***of an illegal structure that remains in place despite two enforcement notices****."*
   ii. Mill-*caption* li tidher taħt iż-żewġ ritratti, hemm stampat: *"Mepa has issued enforcement notices* ***against an illegal construction*** *at the historic Victoria Lines."*
   iii. Fit-tieni faccata tal-artiklu, it-titlu jaqra: *"Two enforcement notices in force for* ***illegal structure****."*
   iv. Fuq ir-ritratt il-kbir għamel sinjal aħmar biex juri l-istruttura, liema sinjal ikompli sat-tarf tar-ritratt iż-żgħir fejn jidher il-bini fil-pussess tal-attur.

   Żball li kien jiġi evitat kieku l-awtur kien iktar attent qabel ippubblika l-artiklu. Madankollu mir-ritratti stess hu evidenti li jirreferu għal żewġ strutturi u mhux waħda.

3. Irriżulta li l-attur m'għandu x'jaqsam xejn mal-istruttura li tidher fir-ritratt il-kbir, filwaqt li l-bini li jidher fir-ritratt iż-żgħir qiegħed fil-pussess tiegħu.

4. M'hemmx dubju li mill-provi rriżulta li ż-żewġ strutturi kien fihom illegalitajiet. Tant hu hekk li l-MEPA harġet avviżi ta' twettiq u nfurżar, numru 262/1996 u 400/2011. L-avviz numru 400/2011 jirreferi ghal bini fil-pussess tal-attur u jikkonsisti *"... minn twaħħil ta' grada tal-ħadid u bini ta' ħajt bil-ġebel tal-franka għoli 3 filati."* Irriżulta wkoll li wara li ġie ppubblikat l-artiklu, l-awtoritajiet ħadu passi biex jitneħħew l-illegalitajiet (ara l-artiklu pubblikat fil-ħarġa tas-27 ta' Frar, 2013).

5. Il-kwistjoni kollha f'dan il-każ kien jekk il-konvenut kienx identifikabbli bħala l-persuna li suppost hedded lill-barranin. Xhieda li ressaq l-attur biex juri li kien identifikabbli, huma martu (Mariella Foca), Sergio Carbonaro u Noel Spiteri. Il-qorti tosserva li, fir-rigward ta':

   i. **Mariella Foca**, xehedet li meta qrat l-artiklu lil zewgha, staqsietu: *"dan qieghed ighid ghalik ?"*
   ii. **Noel Spiteri**, xehed li meta qaraha l-artiklu ċempel lill-attur peress li *"kont naf li Charles Foca kien kellu proprjeta fuq Victoria Lines* ***u hsibt li forsi kien hu****. Jiena qbadt u cempilt.* ***Jiena ghandi ngħid li forsi kien hu għax Victoria Lines m'hemmx ħafna kmamar li fih tista' titfixkel u waħda***

*li kien hemm it-theddid da parti tal-klijent tiegħu kif ukoll ġie prodott ritratt tal-fond tiegħu."* (fol. 10).

***minnhom hija, qed tintuża minn Charles Foca u jiena mort ukoll hemmhekk."***

Hu ghalhekk evidenti li dawn ix-xhieda kellhom dubju jekk l-artiklu kienx qiegħed jirreferi għall-attur bħala l-persuna li kkonfrontat lit-turisti. Hu biss Sergio Carbonaro li jidher li fehem li l-artiklu kien qiegħed jirreferi ghall-attur. Fil-fehma tal-qorti dan ix-xhud ma setax jasal għal tali konklużjoni ġialadarba r-ritratt prinċipali juri bini li m'għandu x'jaqsam xejn mal-bini li l-attur għandu fil-pussess tiegħu.

6. Mill-provi li tressqu mill-attur il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-artiklu jirreferi ghall-attur bħala l-persuna li hedded lil xi ħadd. L-artiklu *"Private terrace built at Victoria Lines"* kien intiż biex jirrapporta dwar l-abbuż li kien qiegħed isir f'dik iż-żona minn persuni mhux magħrufa li okkupaw art pubblika. Bil-fatt li wieħed mir-ritratti fejn sar żvilupp illegali juri l-bini fil-pussess tal-attur, b'daqshekk ma jfissirx li l-awtur kien qiegħed isostni li kien l-attur li hedded lit-turisti. Għal dak li jirrigwarda l-bini li jidher fir-ritratti, l-enfażi kienet fuq l-istruttura li nbniet fil-Victoria Lines. Struttura li l-attur m'għandux x'jaqsam magħha. Tant hu hekk li fir-ritratt ġiet cirkondata b'ċirku aħmar.

7. L-attur xehed ukoll li wara l-pubblikazzjoni tal-artiklu, kien cempillu Manuel Martin u sejjaħlu bhala *"Charles Foca l-Cowboy !"* u qallu li *"... ma kellix dritt illi nhedded it-turisti kif jidher illi ġie rraportat fil-gazzetta u dan kompla jgħidli illi l-lands kienu krewlu l-kamra u mhux id-Dwejra kollha u qalli biex immur nixtri l-gazzetta The Times."* Il-qorti kienet tippretendi li l-attur iressaq lil Manuel Martin bħala xhud biex jikkorabora dak li qal dwaru. Ħaġa li m'għamilx għalkemm ma jirriżultax li kien hemm xi raġuni valida għalfejn ma ħarrkux bħala xhud. L-attur ma jistax jippretendi li l-qorti taċċetta dak li qal bħala fatt, meta kieku ried kellu kull opportunita' li jressaq lil dik il-persuna bħala xhud.

8. Fil-fehma tal-qorti il-qarrej ma setax jasal għal konklużjoni li kien l-attur li hedded lit-turisti. Saħansitra tnejn mit-tlett xhieda li ressaq l-attur ma kinux ċerti jekk ir-riferenza dwar l-incident ta' theddid, kinitx għall-attur. Dan apparti li hu evidenti li l-konvenuti lanqas biss ma kienu jafu min hu l-attur.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur**.

Anthony Ellul.